11 ta' Ġunju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Arturo Perini** *versus* **Dottor Vincenzo Gatt LL.D. et.**

**Interdizzjoni — Inabilitazzjoni — Digriet —**
**Impunjazzjoni — Nullità — Notifika —**
**Art. 518 u 520 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-digriet li bih tiġi ordnata l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni ta' persuna mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili mhux null billi ma ġiex notifikat lill-interdiċend ir-rikors li bih tiġi mitluba l-interdiz-*

*zjoni. Lanqas jista' jiġi mpunjat dak id-digriet fuq il-motiv illi r-rikors ma kienx fih espożizzjoni tal-fattijiet u lista' tax-xhieda proposta biex jippruvaw il-fattijiet għall-finijiet tat-talba. U dan iżjed u iżjed, meta l-interdiċend ġie eżaminat minn perit psikjatra, u għalhekk kien jaf x'qiegħed isir u għalfejn kien qiegħed isir dak l-eżami, u kellu wkoll il-kamp kollu li jirrikorri quddiem l-istess Qorti li ordnat l-interdizzjoni tiegħu, u anki quddiem l-istess imħallef li ppresjeda f'dik il-Qorti, biex tiġi revokata l-interdizzjoni fuq raġunijiet tajba li huwa jġib.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn talab li tiġi dikjarata nulla, ineżistenti u ta' ebda effett l-interdizzjoni tiegħu ordnata bid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili numru 234 tas-sena 1940 (dok. B), (1) għaliex ir-rikors relativ ma ġiex notifikat lilu u għaliex ma fihx l-espożizzjoni tal-fattijiet meħtieġa mill-liġi, u in subordine għaliex tonqos ir-raġuni li għaliha l-liġi tippermetti l-interdizzjoni, ċjoè jonqsu l-prodigalità u d-defiċjenza mentali u kull raġuni oħra mqiegħdin a bażi tad-domanda ta' l-interdizzjoni kontra l-attur; (2) in subordine, tiġi minn dina l-Qorti revokata u mħassra l-imsemmija interdizzjoni peress li hu mhux prodigali jew defiċjenti f'moħħu, u ma għandu fih ebda raġuni li tiġġustifika l-imsemmija interdizzjoni; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tas-Sekond'Awla, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-30 ta' Awissu 1947, fejn ċaħdet l-ewwel talba ta' l-attur u ordnat illi l-ispejjeż relativi jibqgħu bla taxxa, dritt tar-reġistru għat-talba deċiża kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi mill-inkartament (digriet numru 234/1940) tal-Qorti Ċivili Sekond'Awla jirriżulta illi l-konvenuta, assistita mill-konvenut l-ieħor, fl-10 ta' Jannar 1940 talbet l-interdizzjoni ta' l-attur u n-nomina ta' kuratur amministratur sabiex jieħu kura ta' ħwejġu mħabba l-prodigalità u d-defiċjenza mentali tiegħu, kif ukoll imħabba li bil-karattru vjolent li għandu ma jistax jamministra l-patrimonju tiegħu;

Illi dak l-istess jum tar-rikors il-Qorti nnominat perit psikjatra sabiex jirrapporta fuq l-istat mentali ta' l-attur, bla ma ġie r-rikors tal-konvenuta, assistita mill-konvenut l-ieħor, notifikat lill-interdiċend, u ċjoè lill-attur. Fl-24 ta' Jannar 1940 il-perit nominat żamm seduta l-Belt, Triq l-Isqof, numru 131, minn fejn jidher li ġie mismugħ in-Nutar Dottor Vincenzo Gatt; u fil-5 ta' Frar 1940 il-perit ħalef ir-rapport tiegħu preżentat fid-29 ta' Jannar 1940. Fuq dana r-rapport il-Qorti kompetenti bid-digriet tagħha tal-5 ta' Frar 1940 interdiċiet lill-attur u nnominatlu bħala kuratur lill-istess Nutar Dottor Vincenzo Gatt;

Illi mir-relazzjoni peritali jirriżulta li l-attur, allura perizjand, kien ġie waqt il-proċeduri msemmija sottomess għall-interrogatorju mill-istess perit psikjatra, u dan qabel ma saret ir-relazzjoni li ddikjaratu assolutament inkapaċi għall-attijiet tal-ħajja ċivili u kklassifikatu bħala "folli morali", bil-konsegwenza ta' assenza ta' kontroll, jew mankanza ta' freni inibitorji;

Illi l-kwistjoni preliminari, u li tirrigwarda l-ewwel talba, tirraġġira ruħha fuq l-impunjazzjoni tad-digriet ta' l-interdizzjoni msemmi, għaliex ir-rikors għall-istess interdizzjoni ma ġiex notifikat lill-interdiċend, u t-tieni wieħed għaliex jonqsu fl-istess rikors tant l-espożizzjoni tal-fattijiet kemm ukoll il-lista tax-xhieda proposti sabiex jiġu pruvati l-fattijiet għall-finijiet tat-talba;

Illi dwar iż-żewġ kwistjonijiet sollevati jingħad in tema ġenerali illi skond il-liġi, taħt it-taqsima ntestata "Fuq il-mod kif jitmexxa fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili—Dispożizzjonijiet Ġenerali" fil-Kodiċi tal-Proċedura, fl-art. 470 huwa dispost illi fil-provvedimenti f'affarijiet ta' Ġurisdizzjoni Volontarja dik il-Qorti għandha tiġi adita b'rikors, u fl-art. 473 hemm stabbilit illi l-Qorti tista' teżamina, wara li tordna biex tidher, lil kull persuna sabiex tiġi eżaminata fuq is-suġġett tat-talba, jew, kif jingħad fl-art. 475, teżamina lil min jidher minn rajh sabiex jagħti dik l-informazzjoni. Jekk imma dak li jkun miġjub fir-rikors jiġi notifikat lil din il-persuna interessata, din ikollha żmien xieraq biex tippreżenta tweġiba (ara art. 481 ta' l-istess Kodiċi);

Illi fit-Titolu IV taħt il-kap partikulari fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni jingħad fl-art. 518 kif għandha ssir it-talba quddiem l-istess Qorti fuq imsemmija għas-suġġetti li jidħlu taħt dak il-kap, u fis-subsezzjoni tnejn ta' dik l-istess sezzjoni jingħad li fir-rikors għandhom jiġu mfissra l-fattijiet li fuqhom issir it-talba u għandhom jiġu msemmijin ix-xhieda, jekk ikun hemm, ta' dawna l-fattijiet. U fis-subsezzjoni 3, jekk ikun hemm dokumenti li jsaħħu t-talba, għandhom jiġu preżentati flimkien mar-rikors. Fl-art. 520 jingħad li l-Qorti tista' ssejjaħ lill-persuna li tagħha tintalab l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni sabiex tidher quddiemha, u tfisser irraġuni għalfejn dik il-persuna tista' tiġi mgħajta. u l-Qorti f'kull każ taħtar kuratur temporanju sabiex jieħu ħsieb talpersuna u tal-beni ta' dik il-persuna. Fin-nuqqas ta' raġunijiet biżżejjed, imbagħad, għall-interdizzjoni, il-Qorti tista' tordna l-inabilitazzjoni, jekk iċ-ċirkustanzi hekk ikunu jeħtieġu, tal-persuna illi tagħha tkun intalbet l-interdizzjoni, ta' ċerti attijiet tal-ħajja ċivili bla jew mingħajr l-assistenza ta' kuratur mill-istess Qorti maħtur, jew tordna l-inabilitazzjoni millattijiet ta' *sempliċi* amministrazzjoni li hija tagħti f'idejn kuraur, jekk hija tara li hekk ikun meħtieġ;

Illi dwar l-ewwel kontestazzjoni, illi mid-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-mod kif jitmexxa fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, in ispeċje mid-dispożizzjoni 471, jidher li l-Qorti fuq ir-rikors li jkun għandha setgħat estiżi sabiex tasal għallkonvinzjoni tagħha fuq informazzjonijiet li tiġbor, fosthom l-eżami bil u bla ġurament ta' min iressaq ir-rikors, jew ta' kwalunkwe persuna oħra illi jkun jidhrilha li għandha tiġi ordnata tidher sabiex tkun eżaminata fuq is-suġġett tat-talba, jew il-persuna li tidher minn jeddha. Dawna s-setgħat ġenerali, imnizzla fil-liġi bla ebda komminazzjoni ta' nullità espressa fil-każ li ma jsirux, huma konnaturali għall-att u moralment neċessarji għad-deċiżjoni; imma fl-istess ħin mhumiex kollha konġuntament rikjesti, la darba minn xi wħud minnhom il-Qorti tkun moralment konvinta li għandha l-informazzjonijiet kollha neċessarji sabiex tilqa' jew tiċħad it-talba;

Illi mill-art. 481 fl-istess dispożizzjonijiet ġenerali ta' l-

istess liġi jidher li jekk mill-kontenut tar-rikors, jew mill-eżami jew mill-informazzjonijiet miġbura, xi terza persuna jkollha, jew fil-ħsieb ta' din il-Qorti jista' jkollha, interess fil-materja tar-rikors, ikun dmir il-Qorti tordna n-notifika ta' dak ir-rikors lil dik il-persuna, li liha għandu jiġi wkoll mogħti żmien neċessarjament raġjonevoli sabiex tirrispondi għalih;

Illi minn dan jitnissel illi dana d-dmir ta' dina n-notifika huwa *rikjest meta "terzi persuni" jkunu interessati fil-kontenut* tar-rikors, u terzi persuni ċertament ma jistgħux jissejħu dawk li għandhom interess dirett, jew aħjar l-uniċi li għandhom l-aqwa interess dirett fit-talba kontenuta fir-rikors bħal ma huwa l-interdiċend. Lanqas ma huwa leċitu minn dispożizzjoni partikulari jsir argument "a fortiori" fir-rispett ta' ħadd ieħor. Rigward għar-rikorrent jew persuni oħra li l-Qorti tkun trid tesplora qabel ma tponi fini għar-rikors, skond l-art. 471 ma jidherx li hemm impost l-obligu tan-notifika tar-rikors; u fid-dubju, fuq il-prinċipju li l-interpretazzjoni favur il-validità ta' l-att għandha tipprevali fuq in-nullità, fil-każi dubbjużi huwa ġuridiku tirritjeni li dik n-notifika mhix neċessarja skond l-istat attwali tal-liġi;

Illi fil-materja speċjali ta' l-interdizzjoni u inabilitazzjoni, a *differenza tad-dispożizzjonijiet* ta' *natura ġenerali* fit-tmexxija tal-proċeduri quddiem il-Qorti tas-Sekond'Awla Ċivili, u fejn il-kontenut u t-talba tar-rikors neċessarjament jirrigwardaw direttament lill-persuna li tagħha hija mitluba l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni, il-Qorti fuq ir-rikors, skond l-art. 520, *tista'* ssejjaħ *(u mhux "għandha"* ssejjaħ) *lill*-interdiċend jew lill-persuna li trid tkun inabilitata, tidher quddiemha sabiex tgħamlilha mistoqsijiet u tordna li tiġi eżaminata minn perit wieħed jew iżjed, u f'kull każ tista' taħtar kuratur temporanju ħalli jieħu kura tal-persuna u tal-beni tagħha, u skond l-art. 522, jekk ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed għall-interdizzjoni, imma raġunijiet għall-inabilitazzjoni, tista' tordna dik l-inabilitazzjoni, jew tinabilita dik il-persuna totalment jew parzjalment mill-attijiet jew xi attijiet ta' sempliċi amministrazzjoni;

Illi mill-kliem tad-dispost 520 jidher kwindi li dik id-dis-

pożizzjoni hija aktarx ta' natura preċettiva u fakoltativa, u mhux projbitiva, b'mod li mhix neċessarjament rikjesta n-notifika tar-rikors lill-interdiċend jew lill-persuna li għandha tkun inkapaċitata; u dan huwa suffragat mill-loġika naturali, fis-sens illi jkun inutili li jiġi msejjaħ min huwa affett minn bluha abitwali, minn mard tal-moħħ, minn ġenn jew tberbiq, biex jopponi t-talba "ut sic", għalkemm huwa suġġeribili normalment, salvi l-każi ultra minn ċari, li dawk is-suġġetti jkunu assoġġettati għal mistoqsijiet tal-*Qorti jew tal-periti nominati* mill-istess Qorti għall-finijiet ta' l-esplorazzjoni neċessarja għall-akkwist ta' dawk l-informazzjonijiet li jridu jkunu neċessarji għad-definizzjoni tal-proċedura proposta, bażata fuq il-konvinzjoni morali tal-ġudikant;

Illi kif jidher mir-"Rapporto dei Commissionari di S.M. nominati per la redazione di un Codice di Leggi Organiche e di Procedura *Giudizziaria Civile*" *ta' l-abbozz ta' l-1850 tal*-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili "per l'Isola di Malta e Sue Dipendenze", il-bażi fondamentali u prinċipali ta' dawk il-liġijiet kienu u għadhom in ġenerali (salva l-materja tal-provi) "le nostre leggi attuali (allora quando si ridusse in iscritto quel rapporto) di organizzazione e procedura civile", li kienu dawk introdotti u stabbiliti fl-1814 u wara, u li ma kienux jaqblu u mhumiex konformi la għall-ispirtu u lanqas mal-prinċipji a bażi ta' l-Organizzazzjoni tat-tribunali tagħna u tal-liġijiet tal-proċedura allura eżistenti, kif jgħidu l-istess kummissjonarji, għal kodiċijiet kontinentali, b'mod li l-awtoritajiet li *jikkommentaw dawn il-kodiċijiet*, jekk ma għandhomx in bażi għax-xjenza ġuridika jiġu mqiegħdin filġenb għal kollox, dina x-xorti jistħoqqilhom dwar li huma kummenti ta' rakkolta ta' liġijiet pożitivi partikulari. Fi kwalunkwe każ ma nistgħux nissellfu minnhom ħlief prinċipji ġuridiċi li jkunu jaqblu ma' tagħna, imma qatt dispożizzjonijiet u kommenti ta' dispożizzjonijiet informati jew animati minn prinċipji li ma jaqblux mas-sistema adottat minna; u għalhekk, jekk mhux għal ħaġ'oħra, iċ-ċitazzjonijiet ta' l-awtoritaijet li jikkommentawhom iridu jittieħdu b'ċerta ċirkospezzjoni;

Illi wara li ntqal dan, jingħad li l-Qrati Tagħna ddeċidew li ma kienetx neċessarja l-kjamata tal-persuna li għandha tkun inibita, peress li dak li jinsab fid-dispost 520 huwa biss fakoltativ (ara Appell 18 ta' Novembru 1868 in re "Testaferrata vs. Testaferrata et.", Vol. IV, pag. 228, u in ispeċje pagina 231, kolonna 1ma, fil-qiegħ u kol. 2da, fil-bidu), kif ukoll ġie deċiż li d-dispożizzjoni ta' l-art. 520 hija dispożizzjoni partikulari "in subjecta materia", li ma għandhiex x'taqsam mad-dispożizzjoni ġenerali kontenuta fl-art. 481 ta' l-istess liġijiet li tikkontempla l-interess ta' terza persuna (ara sentenza Prim'Awla Ċivili tas-26 ta' Lulju 1869 in re "Vella Hass et. vs. Giuseppe Borg et." riportata taħt is-sentenza ta' l-Appell tad-9 ta' Settembru 1869, Volum V, pag. 167, u in ispeċje paġina 171, kolonna 2da, para. 2), b'mod li r-rikorsi tas-Sekond'Awla għat-talba ta' l-interdizzjoni u l-inabilitazzjoni jistgħu jiġu dekretati bla ma jkunu notifikati lill-interdiċend jew l-inabilitand (ara wkoll Prim'Awla Ċivili 22 ta' Marzu 1922 in re "Palermo Navarra vs. Palermo Navarra", Vol. XXV, P. II, paġina 59);

Illi fil-fatt imbagħad, kieku keliu jiġi ritenut illi d-dispost 481 għandu jkollu setgħa fuq id-dispost 520, mill-perizja jidher illi l-interdiċend fil-każ in ispeċje ġie eżaminat mill-perit psikjatra personalment, u allura huwa seta' kien jaf, kif ma setax ma jkunx jaf, l-oġġett ta' dak l-eżami u ta' l-eżitu tiegħu fid-digriet finali sussegwenti, illi għall-finijiet kollha tal-liġi ġie eżegwit, u l-attur di fronti għal dana kollu baqa' passiv b'mod li, se mai, ġie akkwijeta ruħu u ġie jissupplixxi għal kwalunkwe difett "si et quatenus";

Illi kwindi l-ewwel motiv ta' attakk għad-digriet imsemmi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, huwa insussistenti;

Illi dwar it-tieni aggravju, u ċjoè li r-rikors fejn ġiet mitluba l-interdizzjoni ta' l-attur kien nieqes mid-dikjarazzjoni tal-fattijiet li fuqhom hija bażata t-talba, kif ukoll mill-indikazzjoni tax-xhieda li jsostnu dawk l-istess fattijiet, skond ma jrid l-art. 518 (2) tal-Proċedura Ċivili; illi milli jidher, id-dispost 518 (2) tal-Proċedura Ċivili ma huwiex ta' natura projbitiva, iżda għall-kuntrarju liġi ta' natura preċettiva jew

imperativa, b'mod li minn dana jitnissel li, għall-każ mhux applikabbli l-liġi 5 "de eo quod est contra legem vel in fraudem legis" kontenuta fit-Titolu XIV tal-Kodiċi Gustinjanew intitolat "De Legibus et Constitutionibus Principum et Edictis" (ara Brunnemann, Commentarium in Codicem, Vol. I, paġina 64, L. non dubium est 5, Ediz. Laureti ex typis Fratrum Rossi 1839), li tissottintendi l-klawsola tan-nullità f'liġi ta' natura projbitiva; kwindi l-ommissjoni tal-formalità lamentata għandha tiġi avviċinata għas-soluzzjoni tagħna mid-distinzjoni bejn il-formalitajiet sostanzjali u l-formalitajiet aċċidentali u sekondarji;

Ma hemmx kwistjoni illi dana jinsab radikat fil-prinċipju astratt "forma dat esse rei", u li l-formalitajiet sostanzjali, anki jekk il-liġi hija siekta dwarhom, għandhom ikunu osservati, mentri, għall-kuntrarju, il-formalitajiet sekondarji jew aċċidentali, fin-nuqqas ta' klawsola irritenti, ma jagħmlux lok għal nullità ta' l-att;

Illi skond id-dottrina, mentri l-formalitajiet intrinsiċi u sostanzjali jirrigwardaw is-sostanza, l-effikaċja u l-effetti kostitutivi ta' l-att, u skond ir-raġuni naturali l-istess huma anterjuri, indipendenti u operativi fihom infishom, u ma għandhomx bżonn għall-validità u nullità tagħhom ta' l-espressa sanzjoni tal-liġi pożitiva (per eżempju, ma hemmx depożitu bla konsenja tal-ħaġa li hija pretiża depożitata, jew ma hemmx att morali jekk l-istess ma jkunx sar liberament u ma kienx konkjuż bil-kunsens), fil-formalitajiet estrinseċi u aċċidentali l-iskop tagħhom huwa li jiġi aċċertat l-adempiment tal-formalitajiet intrinsiċi, bħala li huma disġunti u indipendenti mill-att konsiderat fih innifsu, jirċievu s-saħħa tagħhom mill-awtorità biss tal-liġi pożitiva. Minn dana jitnissel illi meta tkun kwistjoni dwar nullità ta' att l-għaliex ma ġietx osservata xi formalità aċċidentali jew estrinseka, huwa biss it-test espress tal-liġi li għandu jipprevali bħala kriterju sabiex jiġi indagat liema forom l-istess liġi ppreskriviet taħt piena ta' nullità u jekk l-istess ġewx fraskurati;

Illi kwindi, jekk l-ommissjoni lamentata ma tneħħix lill-att attakkat l-effikaċja sabiex jirraġġungi l-iskop propost, u

fl-istess hin joffri garanzija sufficjenti lid-drittijiet ta' hadd ieħor, l-att in diskussjoni loġikament għandu jkun kunsidrat validu; u f'każi bħal dana, fin-nuqqas ta' sanzjoni imposta mill-leġislatur għall-ommissjoni accidentali l-Qorti ma għandhiex tkun superjuri għal-liġi u tiddikjara dak l-att null;

Illi wara li għidna dana, jingħad li, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, dak li huwa msemmi li għandu jikkontjeni r-rikors "de quo" fl-art. 518 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, huwa aktarx sabiex il-Qorti tiġi illuminata fuq it-talba kontenuta fl-istess rikors milli sabiex l-interdiċend ikun jista' jidher ħalli jiddefend ruħu, kif jista' jidher mill-art. 520 ta' l-istess liġi. Jekk l-istess Qorti ma tkunx sodisfatta fuq it-talba, tista' "de plano" tiċħad ir-rikors; imma jekk fuq l-att kif inhu magħmul tipproċedi oltre sabiex tesplora l-fattijiet, hija, anki fl-assenza ta' karatterizzazzjoni tal-fattijiet tal-mard imsemmi, tkun issuppliet dika l-ommissjoni b'dak li jkun ġie miġbur wara l-istadju preliminari; u dana l-fatt ma jkunx nissel miegħu preġudizzju irreparabili lil-l-interdiċend, jew mhux altrimenti riparabbli bla ħlief bid-dikjarazzjoni tan-nullità tal-proċedura inizjali u dik ta' l-attijiet kollha minnha konsegwenzjali. Dana huwa aċċentwat meta l-istess interdiċend ikun deher quddiem il-perit psikjatriku u ma jkunx ipprotesta kontra l-proċedura li tkun nieqsa minn xi ħaġa msemmija fil-liġi, għalkemm ċerti espressjonijiet jistgħu juru stat ta' fatt u mhux stat ta' dritt (ara fir-rikors l-espressjoni "vjolenza ta' karattru" in kontraddistinzjoni ma' l-espressjoni "defiċjenza mentali");

Illi, kif intqal fuq, il-liġijiet pożitivi ta' pajjiżi oħra, bħala li huma bażati fuq sistemi differenti minn tagħna, u jikkontjenu diċituri partikulari fl-isfond ta' dawk is-sistemi, ma jistgħux jitfgħu dawl fuq il-kwistjoni sollevata, skond l-art. 376 u 377 ta' l-abbozz tal-Liġijiet tal-Proċedura tas-sena 1850, inkorporati in segwitu fl-art. 490 u 491 tas-sena 1854, u ċjoè l-liġi antecedenti għall-preżenti; jidher ċar dak li ntqal fuq, li l-informazzjonijiet imsemmija l-lum bħala kontenut fir-rikors kienu intiżi prinċipalment għall-illuminazzjoni tal-Qorti, u fis-sitt tgħat estiż li kellu u għandu l-imħallef sedenti f'dik l-istess Qorti, kwalunkwe ommissjoni konnessa ma' dak il-

kontenut setgħet tiġi supplita b'mod li dana l-fatt u l-assenza ta' klawsola irritenti juru, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, bic-ċar, li dawk il-preċetti huma ta' natura fakoltativi jew imperativi u sekondarji, u qatt ta' natura projbitiva u sostanzjali. Del resto, "rebus sic stantibus" dawk l-ommissjonijiet ma neħħewx lill-att attakkat l-effikaċja tiegħu sabiex jirraġġungi l-iskop propost; u fl-istess ħin l-inibend jew l-interdiċend kellu dritt, kif għad għandu, kif jidher mid-domandi ulterjuri kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni odjerna, jinsorġi in oppożizzjoni kontra tiegħu, għalkemm kieku wara dik l-oppożizzjoni, allura fl-istat originali u inizjali l-istess setgħet tiġi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, riparata bil-mezzi komuni legali; l-għaliex it-tendenza ġenerali tal-liġi hija favur il-validità u kontra n-nullità ta' l-attijiet;

Illi "in subjecta materia" tant hija interpretata larga l-veduta tal-leġislatur kontra l-partikulareġġjar tal-kontenut ta' l-att, li saħansitra ġiet akkolta domanda per ekwipollenza, għalkemm l-istess ma gietx mitluba f'termini espressi. Infatti fil-kawża "Testaferrata utrinque", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Novembru 1868, ġiet mogħtija l-inibizzjoni fuq talba biss tan-nomina bħala kuratriċi u amministratriċi tal-beni tal persuna billi l-istess kienet inkapaċi tamministra ħwejjigha minħabba f'mard tal-moħħ (ara Vol. IV, pag. 228. in ispeċje pag. 231 l-ewwel kolonna fil-bidu);

Illi kwindi, in vista ta' dawna l-konsiderazzjonijiet, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti t-talba "de quo dicimus" ta' l-attur mhix sostenibili;

Illi d-diffikultà tal-pont sollevat timmerita però, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, temperament fl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza, u fejn talab illi l-ewwel talba tiegħu tiġi milqugħa, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi dina l-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti, sew fl-interpretazzjoni tal-liġijiet in diskussjoni, sija fl-applikazzjoni għal fattijiet in ispeċje. Infatti, għalkemm ġeneralment is-Se-

kond'Awla tal-Qorti Ċivili tordna u-notifika tar-rikors għall-interdizzjoni jew inabilitazzjoni lill-persuna interdiċenda, u tagħtiha żmien biex tirrispondi, iżda dana mhux obligu taħt piena ta' nullità; għaliex jista' jkun hemm każijiet, kif fil-pratika kien hemm, illi jkun konsiljabili, fl-interessi tas-saħħa ta' l-istess interdiċend, illi dik in-notifika ma ssirx. Ċertament f'dawn il-każijiet l-interdiċend jiġi eżaminat, kif fil-każ partikulari ġie eżaminat, minn perit psikjatra, u allura l-interdiċend għandu jara min hija dik il-persuna u għal fejn qiegħed isir dak l-eżami. Il-liġi, f'din il-proċedura speċjali ta' l-interdizzjoni, għamlet dispożizzjonijiet speċjali, u għalhekk ir-regoli ġenerali in riferenza għal dik il-Qorti mhux dejjem huma applikabili; u jidher mill-kumpless ta' dawk id-dispożizzjonijiet illi l-Qorti fil-prudenza tagħha għandha tieħu dawk il-provvedimenti illi i-każ ikun jissuġġerixxi, fl-interess dejjem ta' l-istess interdiċend. Għalhekk ma hemm ebda nullità billi r-rikors ma ġiex notifikat lill-interdiċend; iżjed u iżjed meta l-interdiċend ikollu l-kamp liberu li jkun jista' jirrikorri quddiem dik il-Qorti, u anki quddiem l-istess Imħallef li kien ippresjeda meta ordna l-interdizzjoni, biex tkun revokata dik l-interdizzjoni għar-raġunijiet li huwa jġib; u jekk jkunu raġunijiet godda, il-Qorti ċertament teżamina r-raġunijiet kollha, u tagħti digriet ieħor li eventwalment jista' jkun ta' revoka ta' dik l-interdizzjoni ta' qabel. Għalhekk il-fondament tan-nullità f'dawn il-każijiet jeżula għal kollox;

Tikkunsidra;

Illi l-istess ħaġa jingħad għat-tieni raġuni prodotta, illi r-rikors ma ġiex magħmul kif trid il-liġi; il-Qorti tkun tista' teżiġi l-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti u xhieda li jkunu meħtieġa; il-liġi f'sens dimostrativ enunċjat dak li huwa meħtieġ għar-rikors, iżda dana ma għamlitux taħt l-ebda piena ta' nullità, jew inkella bħala ħaġa essenzjali għall-eżistenza ta' dak ir-rikors;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespingi l-appell ta' l-attur, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż relattivi kontra l-attur.